# Kunsill Lokali Floriana

## Rapport Annwali Amministrattiv

### Jannar – Dicembru 2015

Il-Werrej


| | | |
|---|---|---|
| 1.0 | Introduzzjoni tas-Sindku | 2 |
| 2.0 | Il-Kunsill | 4 |
| 3.0 | Il-Finanzi u Il-Ħidma tal-Kunsill | 8 |
| 4.0 | Il-Varjazjzoni fid-Dhul u fl-Infiq | 14 |

# 1.0 Introduzzjoni tas-Sindku

Is-sena 2015 kienet waħda impenjtattiva ħafna hekk kif ġie elett kunsill ġdid b'żewġ kunsilliera ġodda fis-seba' leġislatura.

Il-missjoni ewlenija tal-Kunsill Lokali li qed nmexxu hi li jingħata l-aħjar servizz kemm lir-residenti u kif ukoll lin-nies li b'xi mod jew ieħor taffetwahom il-Floriana. Bla dubju ta' xejn, l-akbar sfida li naffaċċjaw hija l-problema finanzjarja billi nikkontrallaw l-infiq filwaqt li inwettqu diversi xogħolijiet u nibqgħu ninvestu fil-Lokalita. Dan jirrikjedi li nwettqu xogħolna bl-aktar mod responsabbli.

Ta' kuljum inwettqu xogħol ta manutenzjoni skond l-esiġenzi, kif ukoll xogħolijiet infrastrutturali oħra sabiex inżommu u nagħtu dehra mill-isbaħ il-postijiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħna. Fost affarijiet oħra rikorrenti u li bdew isiru sa mill-ewwel ġurnata ta' Kunsill ġdid insibu: il-manutenzjoni tas-sinjali tat-traffiku, żebgħa fuq il-linji tat-toroq, manutenzjoni tal-għamara tat-toroq u kif ukoll fuq bankini. Ma dan il-ħafna xogħol imsemmi u li jsir ta' kuljum aħna nieħdu ħsib ukoll id-dwal tat-toroq fil-lokalita.

Din-sena ħadna ħsieb ukoll sabiex issiru manutenzjoni fuq il-fosos iż-żgħir fejn il-Young Falcons Club.

Il-problema tal-indafa hija sfida li dan il-Kunsill qiegħed jaħdem qatigħ biex tiġi ndirizzata u megħluba. Bħala Kunsill Lokali qed nagħmlu dak kollu possibli sabiex il-Floriana tkun nadifa. Fost l-inizjattivi meħuda hemm: żieda t'aktar bins fil-lokalita, installazzjoni ta' diversi kontenituri għal loqom tas-sigaretti ma bars u entitajiet Furjaniżi sabiex ikunu jistaw jintremew il-loqma tas-sigaretti, isir tindif regolari fil-postijiet l-aktar problematiċi u jinħaslu l-bankini milquta bil-problema tal-ħmieġ tal-ħamiem f'perjodi speċifiċi.

Din is-sena il-Kunsill Lokali ħadem biex ibiddel id-dawl dekorattiv tal-Milied fi Triq Sant Anna u kif ukoll ġie miżjud aktar dawl dekorattiv fi Triq Konservatorju.

B'mod regolari qed jiġu miżbura s-siġar tal-lokalita tagħna, fosthom is-siġar ta' Triq Preziosi, Triq E.S Tonna u tal-madwar, tal-King George the 5th filwaqt li qiegħed isir aktar tisbiħ fil-ġonna u soft areas. B'mod regolari il-kuntrattur qiegħed idur dawn iż-żoni sabiex jinżammu f'kundizzjoni tajba ħafna.

Hu ta' pjaċir għalija li wara diversi diskussjonijiet, il-fanali ornamentali ta' fuq il-Fosos reġgħu ġew installati fil-post oriġinali tagħhom u issa jonqos biss li jiġu mixgħula u nisperaw li jiġu jiffunzjonaw mill-aktar fis possibli.

Ta’ min isemmi li is-sena li għaddiet sewwejna l-fanali ornamentali li jinsabu fil-ġonna sabiex tittaffa l-problema li jintfew il-ġonna meta tkun ix-xita

Wara aktar sena mill-proġett wieqaf ta’ ħdejn Binja Vilhena, l-Kunsill ħaseb biex jinġabu il-permessi neċessarji u jispiċċa dan il-proġett. Permezz ta’ dan il-proġett ingħatat dehra ferm isbaħ lill-Binja Vilhena, fejn saret bankina bil-pavimentar mad-dawra tal-blokka tal-gvern u proġett ieħor biex il-polverista tkun aktar aċċessibbli għal minn irrid igawdi dan il-wirt storiku.

Il-Kunsill Lokali organizza wkoll numru t’attivitajiet varji, ħafna minnhom flimkien mal-għaqdiet Furjaniżi, li dejjem naħdmu id f’id biex nkomplu l-lokalita tagħna ħajja. Din is-sena organizzajna b’mod eċċellenti l-attività Ġenna ta’ Ġonna u ħafna aktar b’diversi innovazzjonijiet li għamlu din l-attività suċċess. Għal sena oħra ġiet organizzat St. Patrick’s Sunday kif ukoll sar l-għaxar edizzjoni tal-Festival tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat . Għal ewwel darba il-Kunsill Lokali nieda kampanja bl-isem ta’ Qalb Ħanina Qalb Furjaniża. Matul din il-kampanja kull Kunsillier u kull għaqda fil-lokal għinu sabiex jinġabru fondi b’risq l-Istrina. Nieħu spunt biex matul din is-sena nkomplu naħdmu ma kull għaqda u entità sabiex is-somma li preżentajna s-sena li għaddiet ta’ €1180, nkabbruha. Matul is-sena li ġie organizzat b’mod eċċellenti l-kunċert tal-Isle of MTV b’kollaborazzjoni mal-Gvern u l-MTA, il-Korp tal-Pulizija, il-Protezzjoni Ċivili u l-Cleansing Department. .

Il-Kunsill ħadem ukoll id f’id ma diversi istituzzjonijiet u entitajiet tal-lokal. Fost dawn insemmu il-kollaborazzjoni li ssir kontinwament ma l-għaqdiet non-governattivi tal-lokal, kif ukoll mal-iskola Primarja tal-Floriana, fejn noffru is-sapport kontinwu tagħna sabiex ngħinu biex it-tfal li jattendu jingħataw l-aħjar. Fost il-passi mittieħda insibu l-għoti ta kotba li tfal tal-ewwel sena, il-Premju tal-Kunsill f’Jum il-Premjazzjoni, kif ukoll il-parteċipazzjoni fl-attività annwali sportiva tal-istess skola.

Dan huwa ftit minn dak li wettaq il-Kunsill matul is-sena kalendarja 2015, u nemmen li permezz ta sħabi l-Kunsilliera ser inkompli naħdmu biex nagħtu l-aħjar lill-lokalita’ tant għażiża għalina.

[Iffirmat]

Davina Sammut Hili
Sindku

# 2.0 Il-Kunsill

### 2.1 Il-Membri tal-Kunsill

Il-Kunsill tal Floriana huma magħmul minn 5 Kunsilliera, b'Sindku u Viċi Sindku eletti demokratikament mill-poplu ta Floriana

Is-Sena Kalendarja 2015 bdiet bis-Sitt Leġislatura tal-Lokalita, sal-aħħar t'April 2015 u mill-1 ta Mejju 2015 beda l-Kunsill il-ġdid; is-Sebgħa Kunsill tal-Lokalita ta Floriana. Il-Membri eletti fis-5 Kunsill huma:

| | |
|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | Sindku |
| Is-Sur Ivan Hallett | Viċi Sindku* |
| Is-Sur Vince Borg | Kunsillier / Viċi Sindku* |
| Dott. Matthew Paris | Kunsillier |
| Is-Sur James Aaron Ellul | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | Kunsillier * |

Matul is-Sena 2015, il-Viċi Sindku elett, is-Sur Ivan Hallett, irriżenja mill-Kunsill, u ġie elett is-Sur Vince Borg bħala Viċi Sindku tal-Lokalita. Il-post vakanti fil-Kunsill imtela permezz tas-Sur Albert Demarco.

### 2.2 Il-Kumitati / Sottokumitati

Biex jgħinu fil-ħidma tiegħu, il-Kunsill jaħtar Kumitati/Sotto Kumitati, fejn il-funzjoni ta' dawn il-Kumitati/Sotto Kumitati, imwaqqfa fi ħdan il-Kunsill, hija proprju li jipproponu, jiddiskutu u jassistu lill-Kunsill fit-tħejjija tal-pjanijiet tiegħu sabiex ikunu mwettqa dawk ir-responsabbiltajiet fdati lill-Kunsill, bħala Gvern Lokali.

Il-kumitati u s-Sotto-kumitati mwaqqfa f'dan is-sebgħa Kunsill, huma varji kif elenkati hawn taħt,

**Kumitat Finanzi**
Responsabiltà tas-Sinjorina Davina Sammut Hili

**Kumitat Avvanz u l-Ugwaljanza tan-Nisa**
Responsabiltà tas-Sinjorina Davina Sammut Hili

**Kumitat għal-Anzjani**
Responsabiltà tas-Sur Vince Borg

**Kumitat Sports**
Responsabiltà ta Sur James Aaron Ellul

**Kumitat Zghazagh**

Responsabiltà ta Sur James Aaron Ellul

**Sottokumitat tar-Relazzjonijiet Lokali, Internazzjonali u Kultura**
Responsabiltà tas-Sinjorina Davina Sammut Hili

**Sottokumitat għal-Ordni pubbliku, Ħarsien taċ-Ċittadin u Relazzjonijiet mal-Pulizija**
Responsabiltà tas-Sur Vince Borg

**Sottokumitat għal-Ambjent u Indafa Pubblika**
Responsabiltà tas-Sinjorina Davina Sammut Hili

**Sottokumitat Proġetti u Informatika**
Responsabiltà ta Dott Matthew Paris

**Kumitat Organizzattiv tal-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat**
Responsabiltà ta Dott Matthew Paris

**Kumitat Organizzattiv - St. Patrick's Day**
Responsabilta tas-Sinjorina Davina Sammut Hili

## 2.3 Id-Delegi u Responsabiltajiet

Kull Kunsillier għandu fir-responsabiltajiet tiegħu numru ta oqsma relatat mal-funzjonijiet tal-Gvern Lokali.

**Sindku – Davina Sammut Hili::** Fondi u Finanzi, Fondi mill-Unjoni Ewropeja, Ambjent u ndafa pubblika, Librerija u Arkivji, Xogħolijiet u Manutenzjoni, Relazzjonijiet Lokali u internazzjonali, Ugwaljanz u Avvanz tal-Mara, Negozju u Kummerc

**Viċi Sindku – Vince Borg:** , Relazzjonijiet mal-Pulizija, , Gonna u Soft Areas, Anzjani, Harsien taċ-Ċittadin, Qasam Socjali u Familja.

**Kunsillier Dott Matthew Paris:** Attivitajiet, Housing u Mepa,Turiżmu, . Kultura u Storja*, Patrimonju Lokali.

**Kunsillier James Aaron Ellul:** Tfal Żagħżagħ u Sports, Edukazzjoni, Patrimonju Lokali, , e-Councillor, Ħarsien tal-Annimali, Saħħa u Sanita'

**Kunsillier Albert Demarco:** Traffiku u Parkeġġ, Utilitajiet u Servizzi, Gwardjani Lokali, Kultura u Storja*

## 2.4 Laqgħat tal-Kunsill u Attendenza

Bejn l-1 ta Jannar 2015 u l-31 t'April, inżammu sitt laqgħat statutorji tas-Sitt Kunsill, bl-attendenza tkun kif inhi hawn taħt:

| Kunsillier | Laqgħat | Preżenti | Skużati | Assenti | % |
|---|---|---|---|---|---|
| Nigel Holland | 6 | 6 | 0 | 0 | 100 |
| Matthew Paris | 6 | 5 | 1 | 0 | 83% |
| Davina Sammut Hili | 6 | 6 | 0 | 0 | 100.0 |
| Vince Borg | 6 | 6 | 0 | 0 | 100.0 |
| Edward Torpiano | 6 | 2 | 1 | 3 | 33% |

Bejn l-1 ta Mejju u l-31 ta' Diċembru 2015, inżammu għaxar laqgħat tas-Sebgħa Kunsill, bl-attendenza tkun kif inhi hawn taħt:

| Kunsillier | Laqgħat | Preżenti | Skużati | Assenti | % |
|---|---|---|---|---|---|
| Davina Sammut Hili | 10 | 9 | 1 | 0 | 90.0 |
| Ivan Hallett | 8 | 7 | 1 | 0 | 87.5% |
| Vince Borg | 10 | 9 | 1 | 0 | 90.0 |
| Matthew Paris | 10 | 10 | 0 | 0 | 100.0 |
| James Aaron Ellul | 10 | 10 | 0 | 0 | 100.0 |
| Albert Demarco | 1 | 1 | 0 | 0 | 100.0 |

## 2.5 Laqgħat Oħra

Matul is-sena inżammu diversi laqgħat ma' Ministri u Diretturi ta' Dipartimenti Governattivi dwar xogħol konness mal-lokalita' tal-Floriana. Il-Kunsill żamm laqgħat regolari ma' l-uffiċjali tal-Pulizija kif ukoll ma numru ta' entitajiet oħrajn li huma involuti fil-ħidma u fl-amministrazzjoni tal-lokalita'.

## 2.6 L-Amministrazzjoni tal-Kunsill

### L-Uffiċju Amministrattiv

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabiltajiet kollha skont l-Att XV ta' l- 1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv, bl-assistenza ta' tlett impjegati skrivani fix-xogħol tal-Uffiċċju, u ħaddiem manwali.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Svetlick Flores | Segretarju Eżekuttiv (Aġent Minn Awissu) |
| Is-Sinjura Emmanie Borg Bonaci | Finanzi u Amministrazzoni |
| Is-Sur Godwin Azzopardi | Attivitajiet u Relazzjoni mar-Residenti |
| Is-Sinjura Silvia Zahra | Relazzjonijiet mar-Residenti |
| Is-Sur Alfio Sciberras | Ħaddiem Manwali |

### Ħaddiema assenjati

Din is-sena ukoll, permezz ta skema mħaddma mill-ETC, kellna servizz minn persuni oħra, li jagħmlu xogħol manutenzjoni madwar il-lokalita, kif ukoll servizz fl-uffiċju.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joe Casha | Manutenzjoni |
| Is-Sur Kenneth Zammit | Manutenzjoni |
| Is-Sur Clint Bartolo | Manutenzjoni |
| | |
| Is-Sinjorina Josephine Cuschieri | Assistenta Skrivana. |

# 3.0 Il-Finanzi u Il-Ħidma tal-Kunsill

## 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

**<u>ID-DĦUL</u>**

| | |
|---|---|
| L-Allokazzjoni annwali għas-sena 2015 kienet ta: | € 333,669 |
| Dħul Ieħor mill-gvern | € 20,540 |
| ***Dħul minn Bye-laws*** | |
| Ksur ta Bye-Laws u Kontravenzjonijiet | € 6,725 |
| ***Dħul minn Investiment*** | |
| Imgħax | € 88 |
| ***Dħul Ġenerali*** | |
| Ġenerali | € 46,911 |
| **Dħul Totali għas-Sena 2015** | **€407,845** |

**<u>L-INFIQ</u>**

***Salarji, b'total ta €111,665***

| | |
|---|---|
| L-Onorarju tas-Sindku u Konċessjonijiet | € 7,049 |
| Paga tas Segretarju Eżekuttiv | € 26,394 |
| Pagi ta' l-Impjegati | € 64,859 |
| Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali | € 7,038 |
| Konċessjonijiet | € 6,325 |

***Manutenzjoni u Xogħolijiet, b'total ta €23,088***

| | |
|---|---|
| Toroq u Bankini | € 5,955 |
| Propjetà pubblika | € 3,551 |
| Tabelli | € 530 |
| Żebgħa ta Toroq | € 1,298 |
| Dwal tat-toroq | € 6,696 |
| Oħrajn | € 5,058 |

***Spejjez Kuntrattwali, b'total ta € 109,610***

| | |
|---|---|
| Ġbir ta Skart | € 32,133 |
| Ġbir ta Skart Goff | € 3,327 |
| Knis ta Toroq | € 26,357 |
| Immaniġġjar ta Skart | € 20,387 |

| | |
|---|---|
| Tindif tal-Uffiċju Amministrattiv | **€ 991** |
| Tindif u Manutenzjoni ta Latrini Pubbliċi | **€ 5,178** |
| Tindif u Manutenzjoni ta Ġonna | **€ 18,698** |
| Kuntratti Oħra | **€ 816** |
| Kiri ta tgħamir | **€ 1,033** |
| Spejjez ta Infurzar Lokali | **€ 690** |

***Amministrazzjoni u Spejjez Oħra, b'total ta €*****196,580**

| | |
|---|---|
| Utilitajiet u servizzi | € 14,429 |
| Tiswija u manutenzjoni oħra | € 1,840 |
| Kera | € 3,372 |
| Servizzi tal-Uffiċju | € 6,388 |
| Uniformijiet | € 689 |
| Transport | € 1,536 |
| Servizzi Informattivi | € 2,471 |
| Affarijiet kuntrattwali oħra | € 717 |
| Servizzi Professjonali | € 16,509 |
| Insurance | € 2,006 |
| Ospitalità | € 41,465 |
| Spejjez tal-bank | € 79 |
| Proviżjoni għal-*bad debts* | € (1,348) |
| Deprezzament | € 91,777 |
| Amortisazzjoni | € 970 |
| Rimi ta assi | € 6,516 |
| Spejjez Gardmed | € 8 |
| Safar | € 3,181 |
| Participazzjoni ghall-laqghat nazzjonali | - |
| *Bad debts* | € 3,975 |

| | |
|---|---|
| **Spejjez Totali għas-Sena 2015** | **€ 440,943** |

## 3.2 Il-Ħidma tal-Kunsill

Matul l-2015, Il-Kunsill kompla għaddej bil-ħidma tiegħu minkejja l-limitazzjonijiet finanzjarji li jiffaċċja kontinwament.

Il-Kunsill ħadem bi sħiħ sabiex jitwettaq il-kumplament tal-proġett fi Pjazza Sir Luigi Preziosi, fejn sar miljorament madwar il-Polverista li tinsagħab biswit Binja Vilhena. Dan il-proġett tlesta fil-bidu tas-sena 2016, bl-għajnuna ta Fondi mill-Awtorità' tad-Djar. Tkomplew il-bankini fi Triq il-Konservatorju. Sar proġett ieħor ta pavimentar fi Triq Vilhena. Twahhlu ukoll ammont konsiderevoli ta ashtrays u bins ġodda madwar il-lokalita.

Il-Kunsill kien attivi kontinwament fil-qasam tal-manutenzjoni tal-lokal. Dan jinkludi manutenzjoni kontinwa fuq il-bankini speċjalment dawk skedati, manutenzjoni fuq tabelli u sinjali ta-toroq, u manutenzjoni fuq l-għamara tat-toroq. Dan huwa qasam ta xogħol li fuqu jenfasizza l-Kunsill, sabiex, filwaqt li tkompli tissebbaħ il-lokalita permezz ta affarijiet ġodda, nibzaw għal dak li nipposjedu. Sfortunatament, ħafna mill-enerġija tmur sabiex issir manutenzjoni fuq affarijiet li jiġu vandalizzati.

Il-Kunsill kien attiv ukoll fil-qasam soċjali. Ħa ħsieb li ta kull xahar tiġi organizzata ħarġa għar-residenti, jew permezz tal-intervent dirett tal-Kunsill, jew inkella permezz ta sħubija ma Għaqdiet oħra.

Il-Kunsill kompla ħadem fuq l-attivitajiet kulturali, fosthom il-Festival nazzjonali tal-logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat, St Patrick Sunday, u Genna ta Ġonna. Dawn it-tlett attivitajiet huwa attivitajiet li jiddistingwu il-lokalita tal-Floriana minn lokalitajiet oħra.

Il-Kunsill kompla jaħdem u jżid l-isforzi tiegħu fil-qasam sportiv fejn reġa' organizza attivitajiet sportivi u edukattivi. Tnehdiet ukoll kampanja ġdida, Qalb Furjaniża Qalb Ħanina, b'għan nobbli. Il-Kunsill qed ipproġetta ukoll li dawn l-attivitajiet ikompli jammiljoraw matul is-sena 2016.

Kontinwament il-Kunsill jieħu ħsieb li l-lokalita tkun fl-aħjar stat. Parti sostanzjali mill-allokazzjoni tiegħu tiġi iddedikata sabiex jingħataw is-servizzi ta Ġbir ta skart, ġbir ta skart goff, u knis ta toroq, u manutenzjoni tad-dwal tat-toroq.

### 3.3 L-Organizzazzjoni

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill hija msejsa fuq din l-istruttura:

Is-Sindku, u l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri, bis-Sotto kumitati. Jeħtieġ li din il-ħidma tikber aktar u joħroġ aktar l-involviment f'dan il-qasam, bil-parteċipazzjoni tal-istess Kunsilliera.

L-Uffiċju tas-Segretarju Eżekuttiv li tiġbor fiha s-Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti, s-Sezzjoni Finanzi, u Akkwist ta' Servizzi, u s-Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani. Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill ikun jista' jattwa bi prattiċita l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din issib l-aħjar sistemi bejn l-istruttura Organizzattiva fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku.

Ir-rwoli ta kull min hu involut fil-Kunsill, mis-Sindku u l-Kunsilliera 'l isfel, għandu dejjem ikun definit u miftiehem, fejn is-Sindku u l-Kunsillier bħala *policy makers* imexxu u jiddeċiedu l-pjani ta' ħidma tagħhom għal lokalita',u min hemm l-Amministratur, is-Segretarju Eżekuttiv, permezz tal-Uffiċju tiegħu, jeżegwixxi dawk il-*policies* u d-deċiżjonijiet kolla maqbula mill-Kunsill, bl-aħjar mod possibli, dejjem skont kif jippermettu l-istess finanzi u fl-iqsar żmien mingħajr indħil tal-Kunsilliera.

L-Objettivi tal-Kunsill huma mibnija fuq żewġ sisien prinċipali, l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq mill-Kunsill, u sabiex b'ekonomija, b'effiċjenza u b'effettivita' l-Kunsill ikollu l-aħjar paragun ta spiża possibli.



## 3.4 Servizz tar-relazzjonijiet mar-Residenti / Klijenti

**L-Uffiċju Amministrattiv**

L-irwol tal-Uffiċċju Amministrattiv, skont l-Att 363 tal-Kunsilli Lokali u r-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali, huwa li jara li d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill jiġu attwati.

Din is-sena l-Uffiċju Amministrattiv kellu bidla fl-istruttura tiegħu minħabba l-fatt li minn Awwissu beda jopera b'Aġent Segretarju Eżekuttiv, sakemm dan l-irwol jerġa jiġi assenjat lill Segretarju Eżekuttiv fuq bażi full-time

**Impjegati tal-Kunsill**

L-istaff kollu tal-Kunsill iwettaq b'ħidma kontinwa r-responsabiltajiet kollha tal-Kunsill u huwa impossibbli li wieħed jelenka id-dettalji kolla tax-xogħol li jsir. Ħafna minn dan ix-xogħol isir minn wara l-kwinti, xogħol li jinbena, ikun ppreparat, u jitlesta mill-impjegati tal-Kunsill.

Illum l-impjegati tal-Kunsill kapaċi jmexxu b'effiċjenza mill-aqwa, u kapaċi jaħdmu meta jingħataw ir-responsabiltà kollha.

Ta dan nirringrazzjom l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill.

**Djalogu u Komunikazzjoni**

Il-Kunsill jemmen fid-djalogu u komunikazzjoni sħiħa mar-residenti. Jintużaw mezzi differenti bil-għan li l-messaġġ jintlaħaq minn l-ikbar ammont ta nies possibbli. Fost dawn il-mezzi wieħed isib il-mezzi elettroniċi bhall siti soċjali Facebook, Twitter, il-paġna uffiċjali tal-Kunsill (www.lc.gov.mt) u il-paġna www.florianalocalcouncil.com. Il-Kunsill ixandar il-laqgħat kollha online permezz ta sistema ta *live streaming* biex b'hekk ir-resident ikollu iċ-ċans li jsegwi il-laqgħat tal-Kunsill mill-kumdita ta daru. Il-Kunsill ixerred il-messaġġ tiegħu ukoll permezz ta mezzi tradizzjoni bhall cirkolarijiet li jitqassmu lir-residenti bieb bieb, regolarment. Fl-istess waqt, il-Kunsill joffri servizz ta Customer Care kulljum bejn 8.00am u l-4.00pm

## 3.5 Konklużjoni

Din hija fil-qosor il-ħidma tal-Kunsill Lokali tal Floriana għal din is-sena, liema ħidma setgħat issir biss bil-membri tat-team kollu tal-Kunsill. Ta dan nieħu l-opportunita sabiex

nirringrazzja lil-Amministrazzjoni tal-Kunsill, li huma l-mutur wara ix-xogħol li jitwettaq ta kulljum, lis-Sindku,, Lil-Viċi Sindku u lil Kunsilliera, kif ukoll li dawk kollha li b'xi mod jew ieħor qed jagħtu kontribut kemm lil-Kunsill kif ukoll lil-Lokalita.

[Iffirmat]

Svetlick J Flores
Aġent Segretarju Eżekuttiv

15 ta' Ġunju 2016

# 4.0 Il-Varjazzjoni fid-Dħul u fl-Infiq

(Informazzjoni estratta mill-Financial Statements 2015)

## 4.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet konsolidati fid-Dħul u fl-Infiq

**Statement of Income and Expenditure**

| | **2015** | 2014 |
|---|---|---|
| | **€** | € |
| **Income** | | |
| Funds received from central government | **354,209** | 367,934 |
| Income raised under Local Enforcement System | **6,725** | 4,770 |
| General Income | **46,911** | 46,058 |
| | **407,845** | 418,762 |
| **Expenditure** | | |
| Personal emoluments | **111,665** | 115,617 |
| Operations and Maintenance | **132,698** | 139,376 |
| Administrative and other Expenditure | **196,580** | 249,291 |
| | **440,943** | 504,284 |
| **Operating loss for the year** | **(33,098)** | (85,522) |
| Finance Income | **88** | 93 |
| **Total comprehensive loss for the year** | **(33,010)** | (85,429) |

## Statement of Affairs

| | 2015 € | 2014 € |
|---|---|---|
| **ASSETS** | | |
| Non-current assets | | |
| Intangible asset | **1,433** | 2,223 |
| Tangible asset | | |
| Property, plant and equipment | **678,615** | 741,345 |
| **Current assets** | | |
| Inventories | **15,046** | 15,203 |
| Receivables | **66,009** | 85,990 |
| Cash and cash equivalents | **79,466** | 37,983 |
| | **160,521** | 139,176 |
| **Total Assets** | **840,569** | 882,744 |
| **Reserves** | | |
| Retained Earnings | **721,768** | 754,778 |
| **Non - current Liabilities** | | |
| Deferred income | **71,620** | 54,105 |
| **Current Liabilities** | | |
| Payables | **47,181** | 73,861 |
| **Total Liabilities** | **118,801** | 127,966 |
| **Total Reserves and Liabilities** | **840,569** | 882,744 |

## Statement of Changes in Equity

| | Retained Funds € | Total € |
|---|---|---|
| Balance at 1 January 2014 | 840,207 | 840,207 |
| Total comprehensive loss for the year | (85,429) | (85,429) |
| **Balance at 31 December 2014** | **754,778** | **754,778** |
| Balance at 1 January 2015 | 754,778 | 754,778 |
| Total comprehensive loss for the year | (33,010) | (33,010) |
| **Balance at 31 December 2015** | **721,768** | **721,768** |

## Cash Flow Statement

| | 2015 € | 2014 € |
|---|---|---|
| **Cash flows generated from operating activities** | | |
| **Loss for the year** | **(33,010)** | (85,429) |
| Adjustments for: | | |
| Increase in provision for LES doubtful debtors | **(1,348)** | 76,090 |
| Depreciation | **91,777** | 85,392 |
| Amortisation charge | **970** | 241 |
| Loss on disposal of property, plant and equipment | **5,091** | 46 |
| Investment income receivable | **(88)** | (93) |
| Adjustment of allocation from property, plant and equipment to fixed asset register | **342** | (5,316) |
| **Surplus for the period before working capital movements** | **63,734** | 70,931 |
| Movement in inventories | **157** | (1,404) |
| Movement in receivables | **21,178** | (610) |
| Movement in payables | **(27,604)** | (34,326) |
| **Net cash generated from operating activities** | **57,465** | 34,591 |
| **Cash flows used in investing activities** | | |
| Investment income receivable | **88** | 93 |
| Payment to acquire property, plant and equipment | **(34,660)** | (17,779) |
| Proceeds from disposal of property, plant and equipment | **-** | (2,226) |
| **Net cash used in investing activities** | **(34,572)** | (19,912) |
| **Cash flows used in financing activities** | | |
| Government grants | **19,262** | (13,521) |
| **Movement in cash and cash equivalents** | **42,155** | 1,158 |
| **Cash and cash equivalents at the beginning of the year** | **36,512** | 35,354 |
| **Cash and cash equivalents at the end of the year** | **78,667** | 36,512 |